**BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA'**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Rikors Numru 13/2019SG**

**John Cutajar (0541459M)**

**vs**

**Francis Chircop (ID 0129239M)**

**u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2019, l-isem 'Francis' ġie mibdul għal 'Frances'**

**Illum, 23 ta' Jannar, 2023**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur ippreżentat fid-29 ta' Awwissu, 2022, fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

> *"Illi l-l-esponent huwa sid l-ghalqa li tinsab gewwa Triq is-Siggiewi, fil-limit tal-Qrendi, liema ghalqa qieghda that titolu ta' qbiela ghand Francis Chircop. Illi kopja tal-pjanta fejn fuqha hemm indikazzjoni tal-ghalqa qieghda tigi annessa u immarkata bhala Dok A.*
>
> *Illi, l-ghalqa thalliet ma tinhadimx ghall-sentejn qabel it-terminazzjoni tal-ahhar kera u thalliet zdingata ghal aktar minn tmintax-il xahar, u ghalhekk japplika l-Artikolu 4 (2) (d) tal-Kap 199.*

*Għaldaqstant, l-istanti umilment jitolbu li dan il-Bord jogghbu jawtroizzah jirriprendi l-pussess battal ta' l-imsemmija għalqa u għaldaqstant jordna l-izgumbrament tal-intimati mill-imsemmija għalqa fi zmien qasir u perentorju that dawk il-provvedimenti li jitqiesu xierqa kif ukoll kull likwidazzjoni ta' kumpens illi jista jkun dovut.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-intimati li huma ngunti minn issa għas-subizzjoni, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri li tikkompeti lill-istanti, jew l-aventi kawza minnhom, kontra l-intimati, jew l-aventi kawza tagħhom."*

Ra r-risposta tal-intimata Chircop tas-16 ta' Ottubru, 2019, fejn ġie eċċepiet :

*"1. Illi preliminarjament l-intimata giet erronjament indikata bl-isem 'Francis', u effetivament hija jisimha 'Frances', għalhekk għandu jittieħed provvediment f'dan ir-rigward.*

*2. Ili inoltre, ma huwiex minnu li r-raba' metru ta' dan ir-rikors jinsab fi stat hazin ta' manutenzjoni, u ma huwiex minnu li l-esponenti halliet r-raba' mertu ta' din ir-rikors zdingat għal aktar minn tmintax-il xahar.*

*3. Illi l-esponenti ma taqbilx mat-talbiet avvanzat mir-rikorrenti fil-konfront tagħha u dan stante li r-raba' li jinsab fi Triq is-Siggiewi, limiti tal-Qrendi, jikkonsisti sors importanti għal għixien ta' l-istess esponenti.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi."*

Sema' x-xhieda prodotta mir-rikorrenti;

Ra r-rapport tal-membri teknici;

**Ikkunsidra;**

**John Cutajar** xehed li r-raba' hija proprjetà tiegħu li hija mqabbla. Spjega li din ir-raba' tħalliet kollha ħaxix ħażin għoli madwar żewg piedi. Spjega li r-raba' hija mitluqa u kollha pepprin. Spjega li r-raba' mhijiex tinħadem. Spjega li meta f'okkażżjoni minnhom ġie offrut il-kera, huwa rrifjuta li jaċċetta l-ħlas, għaliex ir-raba' ma kinitx qed tinħadem.

F'seduta oħra, John Cutajar eżebixxa xi ritratti li juru d-diżastru li tinsab fiha l-għalqa, u kif inħarqet biex neħħew parti mid-diżastru, bil-konsegwenza li sar sfreġju ieħor. Spjega li huwa qatt ma ra lil Frances Chircop jew lil uliedha, jaħdmu din ir-raba'.

**Joseph Cutajar** spjega li huwa ġieli jittawwal f'din ir-raba, u nnota li l-għalqa hija żdingata. Spjega li hija mimlija ħaxix ħażin u ilha ma titnaddaf.

**Ikkunsidra;**

Il-Membri Tekniċi ta' dan il-Bord waslu għas-segwenti konklużżjonijiet:

> *"1) Il-livell baxx tar-raba' mil-livell tat-triq u l-preżenża ta' rampi dojoq fir-raba' jindika li biex jinħadem dan ir-raba' u jinħareg il-prodott agrikolu hemm element għoli ta' tbatija u jrid ikun bidwi dedikat biex jieħu ħsieb raba' bħal dan, minkejja li hu raba' tajjeb u kenni mir-riħ.*
>
> *2) Il-preżenża tal-lewż morr, li probabilment oriġinarjament kienu siġar tal-frott irqiq imlaqqma fuq il-lewż morr u l-kundizzjoni tas-siġar kollha speċjalment taċ-ċitru, kif ukoll il-ħafna ħaxix selvaġġ jagħti indikazzjoni li r-raba' ilu mitluq għal diversi snin.*

*3) Il-ftit prodotti agrikoli (basal u ful) jidher ċar li nżergħu/tħawlu riċentement u barra minn żmienhom biex jagħtu dehra li r-raba' qiegħed jinħadem. Id-dehra ġenerali tar-raba' suġġett għar-rikors hija ta' stat ta' abbandun."*

**Ikkunsidra;**

Din il-kawża hija msejsa fuq l-Artikolu 4(2) (d) tal-Kap.199, li jistipola li talbiet simili għandhom jintlaqgħu jekk:

*(d) matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, l-għalqa tħalliet ma tinħadimx għal mill-anqas tnax-il xahar konsekuttivi skont il-kalendarju;*

Dwar l-Artikolu 4(2)( d) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, intqal f'**Fortunata Callus v Maria Farrugia**, deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003, illi :

*"Ghall-kaz bhal dan tghodd is-senjalazzjoni tal-Qorti ta' lAppell fid-decizjoni fl-ismijiet "Markiz Joseph Scicluna – vs- Joseph Bezzina et", 6 ta' Ottubru 1999:*

*"Din il-Qorti tifhem li meta l-ligi titkellem dwar uzu ta' raba riedet tfisser illi r-raba jkun mahdum skond is-sengha biex jigi utilizzat ghall-produzzjoni tal-prodotti. Ma kienetx allura tifhem li r-raba jkun qed jigi uzat jekk sempliciment kull tant zmien tintefa` ftit zerriegha mhollija ghall-elementi. Meta hekk jigri wiehed gustament seta' jsostni li r-raba ma jkunx qed jigi uzat imma abbuzat. Ir-ritratti esebiti, infatti, jippruvaw illi meta ttiehdu, fiz-zmien vicin meta nbdew il-prezenti proceduri, seta jigi accertat, kif del resto accertaw ukoll il-periti teknici tal-Bord, illi r-raba in kwistjoni kien zdingat u abbandunat u li kien ilu hekk ghal numru ta' snin."*

Intqal ukoll f'**Joseph Zerafa vs Toni Casha**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2006, mill-Qorti tal-Appell, illi li r-raba' għandu jinħadem b'mod aċċettabbli, fis-sens li jkun qed jiġi sfruttat għal skop agrikolu b'mod regolari, u mhux li jsir xi użu minnu għall-agrikoltura, u dan biss bħala paraventu għal skop prinċipali ieħor, li għalih verament ikun qed jiġi utilizzat. (Vide wkoll Carmela Aquilina et vs Teresa Magro et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ġunju, 1996)

Issa l-Bord iqies li mill-provi prodotti u minn dak ikkonstatat mill-Membri Tekniċi tiegħu, jirriżulta li din l-għalqa in kwistjoni, tħalliet ma tinħadimx għal diversi snin. Dan il-Bord iqies għalhekk, li meta jevalwa dak kollu li ġie ppreżentat quddiemu, huwa għandu jistrieħ fuq dak konkluż u kkonstat mill-Membri Tekniċi tiegħu. Għaldaqstant, jirriżulta li t-talba tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 4(2)(d) tal-Kap 199 timmerita li tiġi milqugħa.

**Deċide**

**Għar-ragunijiet fuq premessi, dan il-Bord qed jilqa' it-talba tar-rikorrenti, skont l-Artikolu 4(2)(d) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Għall-finijiet ta' żgumbrament, il-Bord qiegħed jiffissa terminu ta' sittin (60) ġurnata mil-lum. Peress li t-talba tar-rikorrenti ġiet milqugħa fuq il-bażi tal-Artikolu 4(2)(d) tal-Kap. 199, m'hemmx lok li jiġi ffissat xi kumpens għal xi benefikati agrikoli (ara Artikolu 4(4) u (5) tal-Kap.199).**

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur